# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju, 2001.**

**Numru**

**Citaz. numru 589/94 FD**

**Antoinette Vella.**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 1994 l-Av. Leslie Grech bhala ezekutur testamentarju ta' Gioacchino di Rienzo gie msejjah fil-kawza.**

**Il-Qorti;**

**<u>ECCEZZJONI TAD-DESERZJONI</u>**

Din il-kawza giet deciza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza tat-22 ta' Ottubru 1999. Minn din is-sentenza appella l-konvenut Kummissarju tal-Artijiet b'rikors prezentat fil-11 ta' Novembru 1999. Dan ir-rikors ta' appell gie notifikat personalment lill-Avukat Dottor Irene Bonello u lill-

Avukat Dottor Edward Debono fid-19 ta’ Novembru 1999 kif jidher mir-riferti tal-ufficjal ezekutur. Mill-atti jirrizulta wkoll illi fis-17 ta’ Novembru 1999, l-attrici Antoinette Vella rrispondiet ghar-rikors tal-appell liema risposta giet iffirmata mill-Avukat Dottor Edward Debono (kurjozament din ir-risposta dahlet jumejn qabel ma gie notifikat ir-rikors tal-appell lill-istess Avukat Debono). Il-konvenut Avukat Leslie Grech nomine rrisponda ghar-rikors tal-appell fit-3 ta’ Dicembru 1999 liema risposta giet iffirmata mill-Avukat Dottor Irene Bonello. Ghall-kompletezza jinghad illi jidher mill-atti illi l-Avukat Edward Debono kien ippatrocinja lill-attrici u kien hu li ffirma l-att tac-citazzjoni. Il-kjamat fil-kawza Dottor Leslie Grech nomine kien patrocinat mill-Avukat D. W. Grech kif jidher mill-eccezzjonijiet tieghu a fo. 20 tal-process. L-Avukat Bonello kienet assocjat ruhha mal-Avukat Grech fil-patrocinju tal-kjamat fil-kawza kif jidher mill-verbal a fol. 111 tal-process. B’digriet tal-1 ta’ Marzu 2001, din il-Qorti appuntat l-ewwel jum tas-smiegh tal-appell ghat-13 ta’ Gunju 2001.

**<u>VERBAL TAS-SEDUTA TAT-13 TA’ GUNJU 2001</u>**

F’dak l-ewwel smiegh, meta ssejjah l-appell, gie verbalizzat illi Dottor Edward Debono ghall-appellata Antoinette Vella eccepixxa d-deserzjoni tal-atti stante li ma kienux gew notifikati lill-appellati sa dik il-gurnata nonostante li kienet ghaddiet sena minn meta l-atti gew ipprezentati u dana abbazi tal-artikolu 963 (1) tal-Kodici tal-Procedura. Dottor Irene

Bonello, ghall-kjamat fil-kawza Dottor Leslie Grech, eccepiet id-deserzjoni abbazi tal-istess artikolu. Dottor Peter Grech ghall-appellant irrileva illi f'kull kaz id-deserzjoni kienet sanabbli fit-termini tal-artikolu 963. Il-kawza giet differita ghal-lum biex tigi definita din l-eccezzjoni.

## KONSIDERAZZJONI TA' DIN IL-QORTI

Din l-eccezzjoni hi ghal kollox frivola u ghandha tigi michuda. Filwaqt illi l-interpretazzjoni gusta tal-ligi kif definita f'gudikati ta' din il-Qorti kienet fis-sens illi l-att promotur tal-appell kellu jigi notifikat lill-appellat personalment u li l-ligi kienet hekk tezigi proprju biex tassigura li l-parti citata titqieghed personalment f'posizzjoni li tirrispondi ghall-att promotur ta' gudizzju quddiem Qorti ohra (artikolu 144 tal-Kap. 12), ma kien hemm l-ebda dubbju li n-notifika tal-atti kienet biss mezz biex tassigura li l-parti citata tkun konsapevoli tal-proceduri kontra taghha u titqieghed f'posizzjoni li tiddefendi ruhha. Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skond il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan propjru ghaliex il-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b'notifika bl-att.

In fatti s-subinciz 1 tal-artikolu 146 tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-procuedura bil-miktub quddiem il-Qorti fi grad ta' appell titqies maghluqa bit-twegiba ghar-rikors u fin-nuqqas ta' twegiba bl-eghluq taz-zmien moghti ghaliha.

F'dan il-kaz kien hemm twegiba kemm mill-attrici kif ukoll mill-kjamat fil-kawza, it-tnejn appellati, u kien allura fid-data ta' dawk ir-risposti tal-appell illi l-procedura bil-miktub kellha titqies li giet maghluqa. Kwalunkwe nuqqas jew difett fil-process tan-notifika isir f'dawk ic-cirkostanzi irrilevanti. In fatti n-notifika jew nuqqas taghha hi determinanti fil-kaz fejn il-parti citata tkun naqset li taghmel twegiba ghaliex f'dak il-kaz it-terminu ghall-gheluq taz-zmien moghti biex jinghalqu l-proceduri jew ma jibdix jiddekorri ghax ma jkunx hemm twegiba minhabba nuqqas ta' notifika jew jibda jiddekorri mid-data ta' tali notifika.

Is-subinciz 1 tal-artikolu 963 jiddisponi illi l-procedura bil-miktub f'kull kawza kellha tigi maghluqa fi zmien perentorju ta' sena meta din tkun fi grad ta' appell. Dan ir-rekwizit certament gie sodisfatt u m'hemmx lok allura ghall-eccezzjoni ta' deserzjoni sollevata. In fatti l-artikolu 963 jorbot id-deserzjoni tal-kawzi mal-fatt li l-procedura bil-miktub ma tkunx giet maghluqa fiz-zmien perentorju statutorjament determinat. Lanqas hu allura l-kaz illi jehtieg xi att sanatorju mill-Qorti biex l-atti jigu regolarizzati kif sottomess mill-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni tad-deserzjoni qed tigi michuda a spejjez ta' min issollevaha u l-atti qed jigu differiti ghall-kontinwazzjoni u trattazzjoni fil-mertu.

Dep/Reg

mg